SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

22 ta' Settembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Proprjetà intellettwali — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Dritt esklużiv ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Artikolu 5(2)(b) — Eċċezzjoni ta' kkopjar privat — Kumpens ekwu — Konklużjoni ta' ftehimiet ta' dritt privat sabiex jiġu stabbiliti l-kriterji ta' eżenzjoni mill-ġbir tal-kumpens ekwu — Rimbors tal-kumpens li jista' jintalab biss mill-utent finali"

Fil-Kawża C-110/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Marzu 2015, fil-proċedura

**Microsoft Mobile Sales International Oy**, li kienet Nokia Italia SpA,

**Hewlett-Packard Italiana Srl,**

**Telecom Italia SpA,**

**Samsung Electronics Italia SpA,**

**Dell SpA,**

**Fastweb SpA,**

**Sony Mobile Communications Italy SpA,**

**Wind Telecomunicazioni SpA,**

vs

**Ministero per i beni e le attività culturali (MIBAC),**

**Società italiana degli autori ed editori (SIAE),**

**Istituto per la tutela dei diritti degli artisti interpreti esecutori (IMAIE)**, fi stralċ,

**Associazione nazionale industrie cinematografiche audiovisive e multimediali (ANICA),**

**Associazione produttori televisivi (APT),**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

fil-preżenza ta':

**Assotelecomunicazioni (Asstel),**

**Vodafone Omnitel NV,**

**H3G SpA,**

**Movimento Difesa del Cittadino,**

**Assoutenti,**

**Adiconsum,**

**Cittadinanza Attiva,**

**Altroconsumo,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, C. Toader (Relatur), A. Rosas, A. Prechal u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Frar 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Microsoft Mobile Sales International Oy, minn G. Cuonzo et Vincenzo Cerulli Irelli, avukati,

— għal Hewlett-Packard Italiana Srl, minn A. Clarizia u M. Quattrone, avukati,

— għal Telecom Italia SpA, minn F. Lattanzi u E. Stajano, avukati,

— għal Samsung Electronics Italia SpA, minn S. Cassamagnaghi, P. Todaro u E. Raffaelli, avukati,

— għal Dell SpA, minn L. Mansani u F. Fusco, avukati,

— għal Sony Mobile Communications Italy SpA, minn G. Cuonzo kif ukoll minn u Vincenzo u Vittorio Cerulli Irelli, avukati,

— għal Wind Telecomunicazioni SpA, minn B. Caravita di Toritto, S. Fiorucci u R. Santi, avukati,

— għas-Società italiana degli autori ed editori (SIAE), minn M. Siragusa u M. Mandel, avukati,

— għal Assotelecomunicazioni (Asstel), minn M. Libertini, avukat,

— għal Altroconsumo, minn G. Scorza, D. Reccia u M. Salvati, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. Vitale u S. Fiorentino, avvocati dello Stato,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u D. Segoin, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Di Bucci u J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' diversi kawżi bejn, minn naħa, il-kumpanniji li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw b'mod partikolari kompjuters personali, apparati ta' reġistrazzjoni, mezzi ta' reġistrazzjoni, telefons ċellulari u apparati fotografiċi u, min-naħa l-oħra, il-Ministero per i beni e le attività culturali e del turismo (ministeru tal-wirt u tal-attivitajiet kulturali u tat-turiżmu, l-Italja, iktar 'il quddiem il-"MIBAC"), is-Società italiana degli autori ed editori (soċjetà Taljana tal-awturi u tal-edituri, iktar 'il quddiem is-"SIAE"), l-Istituto per la tutela dei diritti degli artisti interpreti esecutori (istitut għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti), fi stralċ, l-Associazione nazionale industrie cinematografiche audiovisive e multimediali (assoċjazzjoni nazzjonali tal-industriji taċ-ċinema, tal-awdjoviżiv u tal-multimedia) u l-Associazione produttori televisivi (assoċjazzjoni tal-produtturi tat-televiżjoni), dwar il-"kumpens ekwu" li għandu jitħallas, permezz tas-SIAE, lill-awturi ta' xogħlijiet intellettwali, għar-riproduzzjoni privata, għall-użu personali, ta' dawn ix-xogħlijiet.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 31, 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29 jgħidu li ġej:

"(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. [...]

[...]

(35) F'ċerti każi ta' eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet, detenturi ta' drittijiet għandhom jirċievu kumpens ġust biex jikkumpensawhom b'mod adekwat għall-użu magħmul mix-xogħolijiet protetti tagħhom jew materjal ieħor. Meta jistabilixxu l-forma, l-arranġamenti dettaljati u livell possibbli ta' dan il-kumpens ġust, għandhom jiġu kkunsidrati ċirkustanzi partikolari ta' kull każ. Meta jevalwaw dawn iċ-ċirkustanzi, kriterju validu jista' jkun il-ħsara li tista' ssir lid-detenturi tad-drittijiet li tirriżulta mill-att fil-kwistjoni. […]

[...]

(38) L-Istati Membri għandhom jitħallew jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċerti tipi ta' riproduzzjoni ta' materjal awdjo, viżiv jew awdjo-viżiv għal użu privat, akkumpanjat b'kumpens ġust. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni jew kontinwazzjoni ta' skemi ta' rimunerazzjoni biex jikkumpensaw għal preġudizzju għal detenturi tad-drittijiet. [...]"

4 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Dritt ta' riproduzzjoni", jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

(b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(ċ) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

(d) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

(e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, ta' l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet huma trasmessi bil-fili sew jekk bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita."

5 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jipprevedi fil-paragrafu 2(b) tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

[...]

(b) rigward riproduzzjonijiet ta' kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust li jikkunsidra li jiġu jew ma jiġux applikati miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 6 tax-xogħol jew tas-suġġett relatat;

[...]"

*Id-dritt Taljan*

6 Id-Direttiva 2001/29 ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Taljan mid-decreto legislativo n. 68 – Attuazione della direttiva 2001/29/CE sull'armonizzazione di taluni aspetti del diritto d'autore e dei diritti connessi nella società dell'informazione (digriet leġiżlattiv Nru 68, li jimplementa d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni), tad-9 ta' April 2003 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 87, tal-14 ta' April 2003), li emenda l-legge n. 633 – Protezione del diritto d'autore e di altri diritti connessi al suo esercizio (liġi Nru 633, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet oħra relatati mal-eżerċizzju tagħhom), tat-22 ta' April 1941 (iktar 'il quddiem il-"LDA"), billi introduċiet f'din il-liġi l-Artikoli 71 *sexies*, 71 *septies* u 71 *octies*, dwar ir-"riproduzzjoni privata għal użu personali".

7 L-Artikolu 71 *sexies* tal-LDA jistabbilixxi:

"L-ikkopjar privat ta' fonogrammi u vidjogrammi fuq kull mezz magħmula minn persuni fiżiċi għal użu personali biss għandu jkun permess, bil-kundizzjoni li ma jsirx għal profitt jew għal għanijiet li jkunu direttament jew indirettament kummerċjali, f'konformità mal-miżuri tekniċi msemmija fl-Artikolu 102 *quater*".

8 L-Artikolu 71 *septies* tal-LDA jgħid:

"1. L-awturi u l-produtturi ta' fonogrammi kif ukoll il-produttur oriġinali ta' xogħlijiet awdjoviżivi, l-artisti, il-produtturi ta' vidjogrammi u l-aventi kawża tagħhom għandhom ikunu intitolati għal kumpens għall-ikkopjar privat ta' fonogrammi u vidjogrammi msemmi fl-Artikolu 71 *sexies*. Fir-rigward ta' apparati intiżi biss għar-reġistrazzjoni analoga jew diġitali ta' fonogrammi jew vidjogrammi, dan il-kumpens għandu jikkonsisti f'perċentwali tal-prezz imħallas mix-xerrej finali lill-bejjiegħ bl-imnut li, fir-rigward ta' apparati u mezzi b'għanijiet multipli, għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' apparati u mezzi b'karatteristiċi ekwivalenti għal dawk tal-komponent intern intiż sabiex jirreġistra jew, meta dan ma jkunx possibbli, ta' ammont fiss għal kull apparat u mezz. Fir-rigward ta' mezzi ta' reġistrazzjoni awdjo u vidjo, bħal mezzi analogi, mezzi diġitali, memorja interna jew li tista' titneħħa intiżi għar-reġistrazzjoni ta' fonogrammi jew vidjogrammi, il-kumpens għandu jikkonsisti f'somma li tkun tikkorrispondi mal-kapaċità ta' reġistrazzjoni pprovduta minn dawn il-mezzi. Fir-rigward ta' sistemi ta' reġistrazzjoni vidjo mill-bogħod, il-kumpens imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jkun dovut mill-persuna li tagħti s-servizz u jkun jikkorrispondi mar-remunerazzjoni miksuba sabiex jingħata dan is-servizz.

2. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ffissat, fl-osservanza tal-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni] u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, f'kull każ, id-drittijiet ta' riproduzzjoni, permezz ta' digriet tal-[MIBAC] adottat mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, wara konsultazzjoni mal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 190 u mal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-produtturi tal-apparati u tal-mezzi msemmija fil-paragrafu 1. Għall-iffissar tal-kumpens, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżuri tekniċi msemmija fl-Artikolu 102 *quater* u l-effett differenti ta' kkopjar diġitali b'paragun ma' kkopjar analogu. Dan id-digriet għandu jiġi aġġornat kull tliet snin.

3. Il-kumpens għandu jkun dovut minn kull persuna li timmanifattura jew timporta fit-territorju tal-Istat, għal finijiet ta' profitt, apparati u mezzi kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawn il-persuni għandhom jippreżentaw lis-[SIAE], kull tliet xhur, dikjarazzjoni li tindika l-bejgħ imwettaq u l-kumpens dovut, liema kumpens għandu jitħallas fl-istess mument. Meta ma jitħallasx kumpens, il-bejjiegħ tal-apparati u tal-mezzi ta' reġistrazzjoni għandu jkun responsabbli *in solidum* għall-ħlas. [...]"

9 L-Artikolu 71 *octies* tal-LDA jipprevedi:

"1. Il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 71 *septies* għal apparati intiżi għar-reġistrazzjoni ta' fonogrammi għandu jitħallas lis-[SIAE], li għandha tiżgura, wara li tnaqqas l-ispejjeż tagħha, il-ħlas ta' sehem ta' 50 % lill-awturi u lill-aventi kawża tagħhom, u ta' sehem ta' 50 % lill-produtturi ta' fonogrammi, inkluż permezz tal-assoċjazzjonijiet kummerċjali u professjonali l-iktar rappreżentattivi.

2. Il-produtturi ta' fonogrammi għandhom iħallsu mingħajr dewmien, u f'kull każ fi żmien sitt xhur, 50 % tal-kumpens li jkunu rċevew bis-saħħa tal-paragrafu 1, lill-artisti kkonċernati.

3. Il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 71 *septies* għall-apparati u l-mezzi intiżi għar-reġistrazzjoni video għandu jitħallas lis-[SIAE], li għandha tiżgura, wara li tnaqqas l-ispejjeż tagħha, inkluż permezz tal-assoċjazzjonijiet settorjali l-iktar rappreżentattivi, il-ħlas ta' sehem ta' 30 % tal-kumpens lill-awturi, u s-70 % l-oħra f'ishma ndaqs lill-produtturi oriġinali ta' xogħlijiet awdjoviżivi, lill-produtturi ta' vidjogrammi u lill-artisti. 50 % tal-kumpens imħallas lil artisti għandu jiffinanzja l-attivitajiet u l-objettivi deskritti fl-Artikolu 7(2) tal-Liġi Nru 93 tal-5 ta' Frar 1992."

10 Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 71 *septies* tal-LDA, il-MIBAC adotta, fit-30 ta' Diċembru 2009, id-decreto relativo alla determinazione del compenso per la riproduzione privata di fonogrammi e di videogrammi (digriet dwar l-istabbiliment tal-kumpens għar-riproduzzjoni privata ta' fonogrammi u ta' vidjogrammi, iktar 'il quddiem id-"digriet tat-30 ta' Diċembru 2009"), li huwa kkostitwit minn artikolu

wieħed biss, skont liema "l-anness tekniku, li jifforma parti integrali [ta' dan] id-digriet, jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens għar-riproduzzjoni privata ta' fonogrammi u ta' vidjogrammi, skont l-Artikolu 71 *septies* tal-[LDA]".

11 L-Artikolu 2 tal-anness tekniku tad-digriet tat-30 ta' Diċembru 2009 (iktar 'il quddiem l-"anness tekniku") jistabbilixxi l-ammonti tal-kumpens għall-ikkopjar privat, billi jagħti lista ta' 26 kategorija ta' prodotti u jassoċja ma' kull waħda minnhom l-ammont ta' dan il-kumpens.

12 L-Artikolu 4 tal-anness tekniku jipprevedi:

"1. Is-[SIAE] għandha tippromwovi protokolli għal applikazzjoni iktar effettiva ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari sabiex tipprovdi eżenzjonijiet oġġettivi u suġġettivi, bħal, pereżempju, fil-każ tal-użu professjonali ta' apparati u ta' mezzi jew fir-rigward ta' ċertu apparati għal videogames. Dawn il-protokolli għandhom jiġu adottati bi qbil mal-persuni li jkunu obbligati jħallsu l-kumpens għall-ikkopjar privat jew mal-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom.

2. Il-ftehimiet preċedenti għal dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu adottati l-protokolli msemmija fil-paragrafu 1."

### Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jipproduċu u jikkummerċjalizzaw b'mod partikolari kompjuters personali, apparati ta' reġistrazzjoni, mezzi ta' reġistrazzjoni, telefons ċellulari u apparati fotografiċi.

14 Dawn ir-rikorrenti ppreżentaw quddiem it-Tribunale amministrativo regionale del Lazio (qorti amministrattiva reġjonali ta' Lazio, l-Italja) rikorsi intiżi għall-annullament tad-digriet tat-30 ta' Diċembru 2009. Insostenn ta' dawn ir-rikorsi, huma sostnew li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-issuġġettar għall-imposta għall-ikkopjar privat ta' persuni li jaġixxu għal finijiet manifestament differenti minn dawk tal-ikkopjar privat, b'mod partikolari, ta' persuni morali u ta' persuni li jaġixxu għal finijiet professjonali. Huma jenfasizzaw ukoll in-natura diskriminatorja tad-delega ta' poteri mogħtija mill-MIBAC lis-SIAE, li hija l-organu inkarigat bil-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fl-Italja, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lil din tal-aħħar is-setgħa li tindika l-persuni li għandhom jiġu eżentati mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat kif ukoll dawk li jistgħu jibbenefikaw mill-proċedura ta' rimbors ta' din l-imposta, meta din tkun tħallset.

15 It-Tribunale amministrativo regionale del Lazio (qorti amministrattiva reġjonali ta' Lazio) ċaħad dawn ir-rikorsi.

16 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellaw mid-deċiżjoni li tiċħad l-imsemmija rikorsi quddiem il-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat, l-Italja) li, billi għandu dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata, f'dan il-kuntest, tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt [tal-Unjoni], u b'mod partikolari l-premessa 31 u l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (b'mod iktar preċiż l-Artikolu 71 [*sexies*] tal-liġi Taljana dwar id-dritt[ijiet] tal-awtur, moqri flimkien mal-Artikolu 4 [tal-anness tekniku] li, meta mezzi u tagħmir jinxtraw għal finijiet li manifestament ma humiex dawk tal-kopja privata, jiġifieri, għal użu esklużivament professjonali, tinvoka, sabiex tiddetermina l-kriterji ta' eżenzjoni *ex ante* [mill-imposta għall-ikkopjar privat], il-konklużjoni ta' ftehimiet – jew 'negozjati liberi' – ta' dritt privat, b'mod partikolari l-'protokolli ta' applikazzjoni' elenkati fl-imsemmi Artikolu 4, mingħajr ma tipprovdi għal regoli ġenerali jew għal ebda garanzija ta' ugwaljanza fit-trattament bejn is-[SIAE] u l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens jew l-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom?

2) Id-dritt [tal-Unjoni], u b'mod partikolari l-premessa 31 u l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali (b'mod iktar preċiż l-Artikolu 71 [*sexies*] tal-liġi Taljana dwar id-dritt[ijiet] tal-awtur, flimkien mad-[digriet] tat-30 ta' Diċembru 2009 u l-istruzzjonijiet ta' [SIAE] dwar rimbors) li tipprovdi li, meta mezzi u apparat jinxtraw għal finijiet li manifestament ma humiex dawk tal-kopja privata, jiġifieri għal użu esklużivament professjonali, ir-rimbors jista' jintalab biss mill-utent aħħari u mhux mill-produttur tal-mezzi u t-tagħmir?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ammissibbiltà*

17 Is-SIAE ssostni li l-ewwel domanda hija inammissibbli, peress li din il-kwistjoni kellha tiġi riżolta permezz ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformement mad-dritt tal-Unjoni, skont liema l-apparati u l-mezzi ta' reġistrazzjoni akkwistati minn persuni li ma humiex persuni fiżiċi għal finijiet esklużivament professjonali ma humiex suġġetti għall-ġbir tal-imposta għall-ikkopjar privat.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha qiegħda tinstema' l-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġuridika, li għandha tevalwa, fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola, obbligata li tagħti deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 21, u tat-12 ta' Novembru 2015, Hewlett-Packard Belgium, C-572/13, EU:C:2015:750, punt 24).

19 Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex elementi ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod effettiv għad-domandi magħmula lilha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*, C-62/14, EU:C:2015:400, punt 25, u tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et*, C-105/14, EU:C:2015:555, punt 30).

20 Issa, dan ma huwiex il-każ hawnhekk, sa fejn l-ewwel domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bl-ebda mod ma hija ta' natura ipotetika, u sa fejn ġiet stabbilita relazzjoni mar-realtà tal-kawża prinċipali, peress li din id-domanda tikkonċerna l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju tqis bħala determinanti għad-deċiżjoni li ser ikollha tagħti fil-kawża prinċipali, b'mod iktar partikolari għal dak li jikkonċerna l-modalitajiet tal-eżenzjoni mill-imposta għall-ikkopjar privat meta l-mezzi u l-apparati jinxtraw għal finijiet manifestament differenti minn dawk tal-ikkopjar privat.

21 Is-SIAE ssostni wkoll li t-tieni domanda hija inammissibbli, peress li hija identika għal domandi li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat risposta.

22 Tali eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, anki li kieku d-domanda magħmula tkun materjalment identika għal domanda li kienet diġà s-suġġett ta' deċiżjoni preliminari f'kawża analoga, tali ċirkustanza bl-ebda mod ma tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tagħmel domanda preliminari u ma għandhiex l-effett li tirrendi inammissibbli d-domanda hekk magħmula (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et*, 283/81, EU:C:1982:335, punti 13 u 15; tat-

2 ta' April 2009, Pedro IV Servicios, C-260/07, EU:C:2009:215, punt 31, kif ukoll tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 49).

23 Minn dan jirriżulta li d-domandi magħmula huma ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

24 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġi eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, tissuġġetta l-eżenzjoni mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat tal-produtturi u tal-importaturi ta' apparati u ta' mezzi intiżi għal użu manifestament differenti mill-ikkopjar privat għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn entità, li jkollha monopolju legali tar-rappreżentanza tal-interessi tal-awturi ta' xogħlijiet, u l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens jew l-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom u, min-naħa l-oħra, tipprevedi li r-rimbors ta' tali imposta, meta din tkun tħallset indebitament, jista' jintalab biss mill-utent finali ta' dawn l-apparati u ta' dawn il-mezzi.

25 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, fil-każ ta' riproduzzjonijiet magħmula fuq kull mezz minn persuna fiżika għal użu privat u għal finijiet li la huma direttament u lanqas indirettament kummerċjali, bil-kundizzjoni li d-detenturi ta' dan id-dritt jirċievu kumpens ekwu li jieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri teknoloġiċi previsti fl-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva.

26 Kif jirriżulta mill-premessi 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29, l-Artikolu 5(2)(b) ta' din id-direttiva jirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jistabbilixxi sistema speċifika ta' kumpens li l-implementazzjoni tagħha tiskatta bl-eżistenza ta' dannu kkawżat lid-detenturi ta' drittijiet, li jagħti lok, bħala prinċipju, għall-obbligu li dawn tal-aħħar "ji[ġu ]kkumpensa[ti]" (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, EGEDA *et*, C-470/14, EU:C:2016:418, punt 19 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Sa fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 ma jirregolawx espliċitament id-diversi elementi tas-sistema ta' kumpens ekwu, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jistabbilixxu min għandu jħallas dan il-kumpens. Dan japplika wkoll għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-forma, tal-modalitajiet u tal-livell eventwali ta' dan il-kumpens (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex ikun konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, il-kumpens ekwu kif ukoll, għaldaqstant, is-sistema li fuqha huwa bbażat għandhom ikunu marbuta mad-dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet minħabba t-twettiq ta' kopji privati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Għaldaqstant, sistema ta' finanzjament tal-kumpens ekwu ma tkunx kompatibbli mar-rekwiżiti tal-"bilanċ ġust", imsemmi fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, bejn id-drittijiet u l-interessi tal-awturi, benefiċjarji tal-kumpens ekwu, minn naħa, u dawk tal-utenti ta' oġġetti protetti, min-naħa l-oħra, biss jekk l-apparati u l-mezzi ta' riproduzzjoni kkonċernati jistgħu jintużaw għal finijiet ta' kkopjar privat u, għalhekk, jikkawżaw dannu għall-awtur tax-xogħol protett. Għalhekk, fir-rigward ta' dawn l-eżiġenzi, teżisti rabta neċessarja bejn l-applikazzjoni tal-imposta għall-ikkopjar privat

fir-rigward tal-imsemmija apparati u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u l-użu ta' dawn tal-aħħar għal finijiet ta' riproduzzjoni privata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 52).

30 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-persuna li tikkawża d-dannu lid-detentur tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni hija dik li tagħmel, għall-użu privat tagħha, ir-riproduzzjoni ta' xogħol protett mingħajr ma titlob l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-imsemmi detentur, bħala prinċipju, hija din il-persuna li għandha tħallas għad-dannu relatat mal-imsemmija riproduzzjoni, billi tiffinanzja l-kumpens li għandu jitħallas lil dan id-detentur (sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 45; tas-16 ta' Ġunju 2011, Stichting de Thuiskopie, C-462/09, EU:C:2011:397, punt 26, u tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 23).

31 Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li, fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi sabiex jiġu identifikati l-utenti privati kif ukoll sabiex jiġu obbligati jikkumpensaw lid-detenturi tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni għad-dannu li jikkawżawlhom, huwa possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu, għall-finijiet tal-finanzjament tal-kumpens ekwu, "imposta għall-ikkopjar privat" li ma għandhiex titħallas mill-persuni privati kkonċernati, iżda minn dawk li jkollhom it-tagħmir, l-apparati u l-mezzi ta' riproduzzjoni u li, għalhekk, fid-dritt jew fil-fatt, iqegħdu dan it-tagħmir għad-dispożizzjoni ta' persuni privati. Fil-kuntest ta' tali sistema, huma l-persuni li għandhom dan it-tagħmir li għandhom iħallsu l-imposta għall-ikkopjar privat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 46; tas-16 ta' Ġunju 2011, Stichting de Thuiskopie, C-462/09, EU:C:2011:397, punt 27, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 24).

32 Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, japplikaw mingħajr distinzjoni l-imposta għall-ikkopjar privat fir-rigward tal-mezzi ta' reġistrazzjoni li jistgħu jservu għar-riproduzzjoni, inkluż fis-sitwazzjoni fejn l-użu finali ta' dawn ma jidħolx fil-każ previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 (ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 44).

33 F'dan r-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, peress li l-imsemmija sistema tippermetti lill-persuni responsabbli għall-ħlas li jgħaddu l-ammont tal-imposta għall-ikkopjar privat fuq il-prezz ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-imsemmija tagħmir, apparati u mezzi ta' riproduzzjoni jew fuq il-prezz tas-servizz ta' riproduzzjoni mogħti, ir-responsabbiltà għall-ħlas tal-imposta hija b'mod definittiv tal-utent privat li ħallas dan il-prezz, u dan b'mod konformi mal-"bilanċ ġust", imsemmi fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, li għandu jintlaħaq bejn l-interessi tad-detenturi tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni u dawk tal-utenti ta' oġġetti protetti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2011, Stichting de Thuiskopie, C-462/09, EU:C:2011:397, punt 28, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 25).

34 Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li sistema intiża sabiex tapplika tali imposta tirriżulta li hija konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 biss jekk l-istabbiliment tagħha jkun iġġustifikat minħabba diffikultajiet prattiċi u jekk il-persuni li għandhom iħallsuha jkollhom dritt għar-rimbors ta' din l-imposta meta din ma tkunx dovuta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 31, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 45).

35 F'dan ir-rigward, sistema ta' imposta għall-ikkopjar privat tista' tkun iġġustifikata, b'mod partikolari, minħabba n-neċessità li tiġi rrimedjata l-impossibbiltà li jiġu identifikati l-utenti finali jew minħabba d-diffikultajiet prattiċi marbuta ma' din l-identifikazzjoni jew ma' diffikultajiet simili oħrajn (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'kull każ, l-imsemmija imposta ma għandhiex tapplika għall-provvista ta' tagħmir, apparat u mezzi ta' riproduzzjoni lil persuni oħra għajr persuni fiżiċi, għal finijiet li manifestament differenti minn dak tat-twettiq ta' kopji għal użu privat (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Barra minn hekk, tali sistema għandha tipprevedi dritt għar-rimbors tal-imposta għall-ikkopjar privat li tkun effettiva u li ma tirrendix eċċessivament diffiċli l-ħlas lura tal-imposta mħallsa. F'dan ir-rigward, il-portata, l-effikaċja, id-disponibbiltà, l-għarfien pubbliku u s-sempliċità tal-użu tad-dritt għar-rimbors jippermettu li jittaffew l-eventwali żbilanċi maħluqa mis-sistema ta' imposta għall-ikkopjar privat sabiex tingħata soluzzjoni għad-diffikultajiet prattiċi kkonstatati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 36, u tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 52).

38 Huwa fid-dawl ta' dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

39 L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li s-sistema ta' kumpens ekwu inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi, kif jirriżulta mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 71 *septies* tal-LDA, li l-imposta għall-ikkopjar privat hija kostitwita minn parti mill-prezz imħallas mill-utent finali lill-bejjiegħ bl-imnut għall-apparati u għall-mezzi kkonċernati, liema ammont huwa stabbilit skont il-kapaċità tagħhom ta' reġistrazzjoni. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 71 *septies* tal-LDA, dan il-kumpens għandu jkun dovut minn kull persuna li timmanifattura jew timporta fit-territorju Taljan, għal finijiet ta' profitt, tali apparati u mezzi.

40 Huwa minnu, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipprevedix dispożizzjoni ġeneralment applikabbli li teżenta mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat il-produtturi u l-importaturi li juru li l-apparati u l-mezzi ġew akkwistati minn persuni li ma humiex persuni fiżiċi, għal finijiet manifestament differenti minn dawk ta' twettiq ta' kopji għal użu privat.

41 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-imsemmija imposta ma għandhiex tapplika għall-provvista ta' tali tagħmir.

42 Fil-fatt, kif jitfakkar fil-punt 29 ta' din is-sentenza, sistema ta' finanzjament tal-kumpens ekwu hija kompatibbli mar-rekwiżiti tal-"bilanċ ġust", imsemmi fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, biss jekk l-apparati u l-mezzi ta' riproduzzjoni inkwistjoni jistgħu jintużaw għal finijiet ta' kkopjar privat.

43 Huwa minnu, kif jenfasizza l-Gvern Taljan, li l-anness tekniku jipprevedi, fl-Artikolu 4 tiegħu, li s-SIAE għandha "tippromwovi" il-protokolli, "b'mod partikolari sabiex tipprovdi eżenzjonijiet oġġettivi u suġġettivi, bħal, pereżempju, fil-każ tal-użu professjonali ta' apparati u ta' mezzi jew fir-rigward ta' ċertu apparati għal videogames", billi dawn il-protokolli għandhom jiġu adottati bi ftehim mal-persuni responsabbli għall-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat jew mal-assocjazzjonijiet settorjali.

44 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 għandhom jiġu applikati billi jiġi osservat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirrikjedi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

45 L-Istati Membri ma jistgħux, għaldaqstant, jipprevedu modalitajiet ta' kumpens ekwu li jintroduċu inugwaljanza fit-trattament li ma tkunx iġġustifikata bejn id-diversi kategoriji ta' operaturi ekonomiċi li jikkummerċjalizzaw oġġetti komparabbli koperti mill-eċċezzjoni għall-ikkopjar privat jew bejn id-diversi kategoriji ta' utenti ta' oġġetti protetti (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tippermettix li jiġi ggarantit f'kull każ l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-produtturi u l-importaturi suġġetti għall-imposta għall-ikkopjar privat, li jistgħu jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli.

47 Fil-fatt, qabelxejn, din il-leġiżlazzjoni, li, kif ġie osservat fil-punt 40 ta' din is-sentenza, ma tipprevedix dispożizzjoni ġeneralment applikabbli li teżenta mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat il-produtturi u l-importaturi li juru li l-apparati u l-mezzi ġew akkwistati minn persuni li ma humiex persuni fiżiċi, għal finijiet manifestament differenti minn dawk ta' twettiq ta' kopji għal użu privat, tillimita ruħha li timponi obbligu tal-aħjar sforz fuq is-SIAE, billi din tal-aħħar għandha biss l-obbligu li "tippromwovi" il-konklużjoni ta' protokolli ta' ftehimiet mal-persuni responsabbli għall-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat. Minn dan jirriżulta li l-produtturi u l-importaturi li jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti, skont jekk ikkonkludewx jew le protokoll ta' ftehim mas-SIAE.

48 Sussegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-anness tekniku, ma tipprevedix kriterji oġġettivi u trasparenti li għandhom jiġu ssodisfatti mill-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens ekwu jew mill-assoċjazzjonijiet settorjali, għall-finijiet tal-konklużjoni ta' tali protokolli ta' ftehimiet, billi din id-dispożizzjoni tillimita ruħha li ssemmi, bħala eżempju, l-eżenzjoni "fil-każ tal-użu professjonali ta' apparati u ta' mezzi jew fir-rigward ta' ċertu apparati għal videogames", u billi l-eżenzjonijiet ipprattikati jistgħu barra minn hekk, skont il-kliem ta' dan l-artikolu, ikollhom natura oġġettiva jew suġġettiva.

49 Fl-aħħar nett, peress li l-konklużjoni ta' tali protokolli titħalla għan-negozjar liberu bejn, minn naħa, is-SIAE u, min-naħa l-oħra, il-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens ekwu jew l-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom, għandu jitqies, anki fil-każ li tali protokolli jiġu konklużi mal-persuni kollha li jistgħu jitolbu eżenzjoni mill-ġbir tal-imposta għall-ikkopjar privat, li ma teżisti l-ebda garanzija li l-produtturi u l-importaturi li jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli jiġu ttrattati b'mod identiku, billi t-termini ta' tali ftehimiet ikunu r-riżultat ta' negozjar irregolat mid-dritt privat.

50 Barra minn hekk, l-elementi enfasizzati fil-punti 47 sa 49 ta' din is-sentenza jipprekludu li jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ta' natura li tiggarantixxi li jiġi ssodisfatt, b'mod effettiv u fl-osservanza, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ir-rekwiżit imfakkar fil-punt 44 ta' din is-sentenza.

51 It-tieni nett, hekk kif jirriżulta mill-formulazzjoni tat-tieni domanda preliminari u mill-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura ta' rimbors, li tfasslet mis-SIAE u li tinsab fl-"istruzzjonijiet" ta' din tal-aħħar disponibbli fis-sit tal-internet tagħha, tipprevedi li r-rimbors jista' jintalab biss mill-utent finali, li ma huwiex persuna fiżika. Għall-kuntrarju, ir-rimbors ma jistax jintalab mill-produttur jew mill-importatur tal-mezzi u tal-apparati.

52 F'dan ir-rigward, biżżejjed jiġi kkonstatat, hekk kif isemmi l-Avukat Ġenerali fil-punti 58 u 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, li għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi (C-463/12, EU:C:2015:144, punt 55), li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix sistema ta' kumpens ekwu li tipprevedi dritt għar-rimbors tal-imposta għall-ikkopjar privat għall-benefiċċju biss tal-utent finali tal-apparati u tal-mezzi suġġetti għall-imposta, hija ppreċiżat li tali sistema tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni biss jekk il-persuni responsabbli għall-ħlas ikunu eżenti, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, mill-ħlas tal-imsemmija imposta jekk ikunu jistgħu jistabbilixxu li jkunu pprovdew l-apparati u l-mezzi inkwistjoni lil persuni li ma humiex persuni fiżiċi, għal finijiet manifestament differenti minn dawk ta' riproduzzjoni għal użu privat.

53 Issa, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 39 sa 49 ta' din is-sentenza, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

54 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, għandu jinżamm bilanċ ġust bejn id-detenturi tad-drittijiet u l-utenti tal-oġġetti protetti. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sistema ta' kumpens ekwu għandha, għaldaqstant, ikollha mekkaniżmi, b'mod partikolari ta' rimbors, intiżi sabiex jikkoreġu kwalunkwe sitwazzjoni ta' "kumpens żejjed" għad-detriment ta' xi kategorija ta' utenti, liema fatt ma huwiex kompatibbli mar-rekwiżit imsemmi f'din il-premessa (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2015, Hewlett-Packard Belgium, C-572/13, EU:C:2015:750, punti 85 u 86).

55 F'dan il-każ, billi s-sistema ta' kumpens ekwu inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipprevedix garanziji suffiċjenti għall-eżenzjoni mill-ħlas tal-imposta tal-produtturi u tal-importaturi li juru li l-apparati u l-mezzi li jkunu ġew akkwistati għal finijiet manifestament differenti minn dawk tat-twettiq ta' kopji għal użu privat, din is-sistema għandha f'kull każ, kif issemma fil-punt 37 ta' din is-sentenza, tipprevedi dritt għar-rimbors tal-imposta li tkun effettiva u li ma tirrendix eċċessivament diffiċli l-ħlas lura tal-imposta mħallsa. Issa, id-dritt għar-rimbors previst mis-sistema ta' kumpens ekwu inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jitqies bħala effettiv, peress li ġie stabbilit li dan ma huwiex disponibbli għall-persuni fiżiċi, anki jekk jakkwistaw l-apparati u l-mezzi għal finijiet manifestament differenti minn dawk tat-twettiq ta' kopji għal użu privat.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, tissuġġetta l-eżenzjoni mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat tal-produtturi u tal-importaturi ta' apparati u ta' mezzi intiżi għal użu manifestament differenti mill-ikkopjar privat għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn entità, li jkollha monopolju legali tar-rappreżentanza tal-interessi tal-awturi ta' xogħlijiet, u l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens jew l-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom u, min-naħa l-oħra, tipprevedi li r-rimbors ta' tali imposta, meta tkun tħallset indebitament, jista' jintalab biss mill-utent finali tal-imsemmija apparati u mezzi.

*Fuq it-talba għal-limitazzjoni tal-effetti ratione temporis ta' din is-sentenza*

57 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, is-SIAE titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tillimita l-effetti *ratione temporis* ta' din is-sentenza fil-każ li tikkonstata li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

58 Insostenn tat-talba tagħha, is-SIAE tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, fuq ir-riperkussjonijiet ekonomiċi gravi għas-SIAE li tkun tinvolvi sentenza li tagħmel tali konstatazzjoni, peress li, bl-eċċezzjoni tal-kwota miżmuma mis-SIAE sabiex tkopri l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attività tagħha ta' ġbir ta' flus, il-kumpens diġà tqassam bejn l-aventi kawża. It-tieni nett, is-SIAE ssostni li ma hemmx dubju li hija aġixxiet f'*bona fide* u bil-konvinzjoni sħiħa li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet kompletament kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, liema konvinzjoni ssaħħet mill-fatt li, minkejja applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni għal żmien twil, il-Kummissjoni, li kienet kompletament konxja minnha, qatt ma oġġezzjonat dwar il-kompatibbiltà tal-imsemmija leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni li din tal-aħħar tagħti lil dispożizzjoni legali tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan jirriżulta li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti anki għal rapporti ġuridiċi mfassla u kkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi dwar talba għal interpretazzjoni,

sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li jippermettu li titressaq tilwima dwar l-applikazzjoni tal-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Frar 2005, Linneweber u Akritidis, C-453/02 u C-462/02, EU:C:2005:92, punt 41; tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et*, C-292/04, EU:C:2007:132, punt 34, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Transportes Jordi Besora, C-82/12, EU:C:2014:108, punt 40).

60 Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat bil-għan li tqiegħed inkwistjoni relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti f'*bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tingħata, huwa neċessarju li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fides* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka, C-402/03, EU:C:2006:6, punt 51; tat-3 ta' Ġunju 2010, Kalinchev, C-2/09, EU:C:2010:312, punt 50, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Transportes Jordi Besora, C-82/12, EU:C:2014:108, punt 41).

61 Iktar speċifikament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għal din is-soluzzjoni biss f'ċirkustanzi speċifiċi, b'mod partikolari meta kien jeżisti riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi gravi dovuti b'mod partikolari għan-numru għoli ta' relazzjonijiet ġuridiċi kkostitwiti f'*bona fide* fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni meqjusa bħala validament fis-seħħ u meta kien jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġew imħeġġa sabiex jadottaw aġir mhux konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva għal dak li jirrigwarda l-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inċertezza li għaliha kienu eventwalment ikkontribwixxew l-aġir stess adottat mill-Istati Membri l-oħra jew mill-Kummissjoni Ewropea (sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Transportes Jordi Besora, C-82/12, EU:C:2014:108, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 F'dan il-każ, għal dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju, għandu jiġi kkonstatat li, fis-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 53), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' sistema li tipprevedi l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tal-imposta għall-ikkopjar privat fir-rigward tat-tipi kollha ta' apparati u ta' mezzi ta' riproduzzjoni diġitali, inkluż fil-każ fejn dawn jiġu akkwistati minn persuni li ma humiex persuni fiżiċi, għal finijiet manifestament differenti minn dawk ta' twettiq ta' kopji għal użu privat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-SIAE bl-ebda mod ma tista' ssostni li hija kienet konvinta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni, minħabba l-assenza ta' oġġezzjoni mill-Kummissjoni għal dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

63 F'kull każ, għal dak li jirrigwarda t-tieni kriterju, għandu jiġi kkonstatat li s-SIAE ma wrietx l-eżistenza ta' diffikultajiet serji, billi din tal-aħħar illimitat ruħha li tindika li l-kumpens diġà tqassam kompletament bejn l-aventi kawża u li hija "probabbilment ma tistax tirkupra tali somom".

64 Għalhekk, ma hemmx lok li jiġu llimitati l-effetti *ratione temporis* ta' din is-sentenza.

## Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li**

**jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, tissuġġetta l-eżenzjoni mill-ħlas tal-imposta għall-ikkopjar privat tal-produtturi u tal-importaturi ta' apparati u ta' mezzi intiżi għal użu manifestament differenti mill-ikkopjar privat għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn entità, li jkollha monopolju legali tar-rappreżentanza tal-interessi tal-awturi ta' xogħlijiet, u l-persuni responsabbli għall-ħlas tal-kumpens jew l-assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom u, min-naħa l-oħra, tipprevedi li r-rimbors ta' tali imposta, meta tkun tħallset indebitament, jista' jintalab biss mill-utent finali tal-imsemmija apparati u mezzi.**

Firem